MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 2 ta’ Settembru 2016**

**Kumpilazzjoni nru 469/16**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Justin Mamo**
**(ID: 258397M)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Justin Mamo** talli nhar il-31 t’Awwissu, 2016 ghall-habta tad-disgha ta’ filghaxija gewwa Telghet Spencer, Marsa:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Chevrolet bin-numru ta’ registrazzjoni EQZ-629, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta’ Ewro 250 li saret ghad-dannu ta’ Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta’ registrazzjoni LQZ-271, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta’ Ewro 250 li saret ghad-dannu ta’ Jason

Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni DAV-211, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' Ewro 250 li saret ghad-dannu ta' Mario Tanti, Nicholas Tanti u/jew persuni ohra.; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**4.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ittanta li jikkommetti serqa minn gewwa vettura tat-tip Chevrolet bin-numru tar-registrazzjoni EQZ-629, ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin; **u dan bi ksur tal-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**5.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ittanta li jikkommetti serqa minn gewwa vettura tat-tip Fiat bin-numru tar-registrazzjoni LQZ-271, ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin; **u dan bi ksur tal-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**6.** U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti u cioe' 10 euro, kif ukoll sett ta' cwievet u licenzja tas-sewqan, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment ta' Nicholas Tanti, Mario Tanti u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikoli 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1114 u PC 79, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; **u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Rat illi fis-seduta tal-lum il-Prosekuzzjoni irtirat is-seba' (7) imputazzjoni;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali netta tieghu. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni tal-imputat mal-Pulizija, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat m'ghandu l-ebda sostenn socjali stante li trabba f'orfanatrofju u llum-il gurnata, peress li ghalaq l-eta` maggorenni, ma setax jibqa' jirrisjedi fl-istess orfanatrofju. Hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu problema tad-droga.

Ghaldaqstant, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni illi ghandha taghti piena li tipprova kemm jista' jkun tghin lill-imputat jaqbad it-triq it-tajba bl-ghajnuna ta' nies professjonali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 270, 271, 278 u 325 (1) (c) fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, l-Qorti qieghdha tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni ta' Supervizjoni jigu moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza u supervizjoni tal-imputat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**